**23 ta' Novembru, 1959**

**Imhallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

**Joseph Attard Montalto, LL.D.**

***versus***

**Margaret Leone Enriquez**

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — "Alternative Accomodation" — Kwistjoni ta' Dritt — Appell.**

*Il-liġi tirrikjedi s-"suitability" tal-fond offert bħala "alternative accomodation", u mhux is-sempliċi sufficjenza, li tikkomprendi biss l-element tal-kobor jew estensjoni tal-fond offert.*

*Għaldaqstant, jekk il-Board tal-Kera, fuq talba għar-ripreża ta' fond mikri, jilqa' t-talba għax jirritjeni illi l-fond offert bħala "alternative accomodation" huwa suffiċjenti għall-intimat, jiġi li ħa in konsiderazzjoni wieħed biss mill-kriterji li l-liġi speċifikatament tistabbilixxi biex tiġi determinata s-"suitability", u injora l-kriterji l-oħra tas-sura u l-qorob għax-xogħol ta' min jiġi mibgħut fih. U s-sentenza tkun fiha enunċjazzjoni u applikazzjoni skorretta tal-liġi, li tikkostitwixxi punt ta' liġi deċiż fis-sentenza, li hija għalhekk appellabbli.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, biex jerġa jieħu taħt idejh il-fond nru. 62 Amery Street, Sliema, mikri lill-intimata, peress li jridu għal ibnu Austin Attard Montalto, E. & C.E., li ser jiżżewweġ;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Board li Jirregola l-Kera tad-19 ta' Mejju 1959, li laqgħet it-talba u tat lilll-intimata għall-iżgumbrament xahrejn żmien, basta jibqa' "available" għaliha bil-kera ta' £40 fis-sens l-post offert bħala "alternative accomodation", ċjoè l-appartament numru wieħed fil-fond numru 2 Main Street, Rabat; u ordnat li l-ispejjeż fiċ-ċirkustanzi jibqgħu mingħajr taxxa; billi l-Board ikkunsidra;

Ir-rikorrenti jrid il-post imsemmi fir-rikors biex imur joqgħod fih ibnu Austin Attard Montalto, A. & C.E., li ser jiżżewweġ. Huwa offra lill-intimata bħala "alternative accomodation" l-appartament numru wieħed fil-fond numru 2 Main Street, Rabat, bil-kera ta' £40 fis-sena. Il-familja tal-intimata, skond ma xehed ir-rikorrent mhux kontraddett fuq daqshekk, tikkonsisti fi tnejn minn nies, u għalhekk il-fond offert, li skond id-deskrizzjoni tiegħu kontenuta fir-relazzjoni tal-membri tekniċi jikkonsisti . . . . . huwa suffiċjenti għall-intimata. L-intimata ma ġiebet ebda oġġezzjoni għall-fond offert; biss binha Edward Leone Enriquez fix-xhieda tiegħu qal illi hija tbati bl-albumina u jintefħulha saqajha, però ma nġiebet ebda prova li dan il-mard tagħha jaggrava ruħu jekk hi tmur fil-post offert;

Rat ir-rikors tal-intimata Margaret Leone Enriquez, li appellat mis-sentenza fuq imsemmija tal-Boad u talbet li dik is-sentenza tiġi annullata, jew, fi kwalunkwe każ, tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrent Dottor Attard Montalto; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza l-Board, wara li kkunsidra l-estensjoni u kobor tal-fond offert bħala "alternative accomodation", wasal għall-konkluzjoni u ddikjara dak il-fond suffiċjenti għall-appellanti. Minn dan jidher li l-Board fl-apprezzament tas-"suitability" tal-fond ħa in konsiderazzjoni wieħed biss mill-kriterji li l-liġi speċifikatament tistabbilixxi biex tiġi determinata s-"suitability", u njora l-kriterji l-oħrajn tas-sura u tal-qorob għax-xogħol ta' min jiġi mibgħut fih. Il-liġi tirrikjedi s-"suitability", u mhux is-sempliċi suffiċjenza, li tikkomprendi biss l-element tal-kobor jew estensjoni tal-fond offert. Għaldaqstant fis-sentenza appellata l-Board ennunċja u applika skorrettament il-liġi; u billi dan huwa punt ta' liġi deċiż fis-sentenza, dik is-sentenza hija appellabbli (ara sentenza ta' dil-Qorti "Papagioreopulo vs. Dr. Pullicino". 23.1.1959). In vista' ta' dan, il-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol f'dan l-istadju fil-kwistjoni talargumenti l-oħrajn miġjuba mill-appellanti għall-appellabbilità tas-sentenza;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni talinappellabbilità tas-sentenza tal-Board, u għalhekk tannullità tal-appell, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent appellat; u tordna li l-appell jitkompla fuq il-meriti.